MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2676/2002

**Citadel Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Albert Pace sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Albert Pace**

**Vs**

**Spiridione D'Amato u b'digriet tal-25 ta' Marzu, 2004 Dr Vincent Galea LLD gie nominat Kuratur sabiex jirrapprezenta lil Spiridione D'Amato li miet fil-mori tal-kawza**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm488) rapprezentanti hsarat fuq il-vettura IAG 873 ta' l-attur Alfred Pace f'kollizjoni li sehhet fil-31 ta' Dicembru, 2001 bejn l-imsemmija vettura u l-

vettura DBB 782 misjuqa mill-konvenut fi Triq Hookham Frere, Pieta'.

Ra r-Risposta tal-Kuratur Deputat li ddikjara li m'huwiex edott mill-fatti u ghalhekk irriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Pace, PS 177 Anthony Armeni u Dr Elaine Burmingham.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fi Triq Hookham Frere, Pieta'. Fil-parti fejn sehhet il-kollizjoni t-triq hija *two-way*, izda aktar 'il fuq cjoe' mill-parti tat-triq minfejn kien gej il-konvenut, it-triq hija *one-way* fid-direzzjoni li kien qed isuq l-istess konvenut.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur Pace kien qed isuq fi Triq Pietru Xuereb u mbaghad kiser lejn ix-xellug tieghu biex dahal fi Triq Hookham Frere. Huwa nnota post fejn ried jipparkja u waqaf qabel ma lahaq il-*parking spot* biex jara hemmx vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u fl-istess hin innota l-vettura tal-konvenut gejja minn Triq Hookham Frere, din ibbrejkjat u skidjat ghal fuqu. B'rizultat ta' l-impatt il-vettura ta' l-attur resqet lura b'hames piedi. Jirrizulta wkoll li d-daqqa bejn iz-zewg vetturi kienet frontali jigifieri *head-on*.

Il-konvenut ma xehedx f'din il-kawza billi huwa miet fil-mori u ghalhekk it-Tribunal qieghed jaghmel referenza ghall-okkorrenza li minnu jirrizulta dak li z-zewg sewwieqa qalu lill-pulizija li gie msejjah fuq il-post ta' l-incident.

Il-verzjoni tal-konvenut li kien qed isuq il-vettura DBB 782 hija kif ser jinghad:

"Driver stated that he was proceeding along Hookham Frere Street, Pieta' towards Pietru Xuereb Street and as he turned the slight curve before reaching Pietru Xuereb Street, all of a sudden vehicle IAG 873 came from opposite direction and dashed into his vehicle."

Ghar-rigward ta' dak li qal l-attur Pace lill-pulizija, jinghad hekk:

"Driver stated that he was proceeding along Pietru Xuereb Street, Pieta' from St Luke's Road and when turning to his left towards Hookham Frere Street and before he was going to park on his right in a parking-space box, vehicle DBB 782 came from the opposite direction at an excessive speed and dashed into his vehicle."
Illi fil-post fejn sehh l-incident jirrizulta illi hemm karozzi pparkjati maz-zewg nahat u ghalhekk il-karreggjata ta' l-istess triq giet ridotta. Wiehed jista' jimmagina li zewg vetturi jghaddu magenb xulxin izda dawn ikunu nkaxxati hafna ma' xulxin u ma jistghux ighaddu liberalment.

Illi ghalhekk huwa ndikat illi proprju fil-post fejn sehh l-incident, wiehed li jkun ghaddej minn din it-triq juza certu kawtela.

Jirrizulta mill-provi li l-kollizjoni sehhet *on the crown of the road*, ossija f'nofs it-triq u fin-normalita' tal-kazijiet, ir-responsabbilta' ta' kollizjoni simili tigi attribwibbli liz-zewg sewwieqa f'sehem indaqs bejniethom.

Izda f'dan il-kaz odjern, it-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Pace ftit seta' jaghmel biex jevita l-incident u s-sewqan tieghu ma tantx jista' jigi kkritikat. Huwa jghid li dahal fi Triq Hookham Frere u ghalkemm kien qed isuq *on the crown of the road*, kien dahal bil-mod u b'certu kawtela tant illi sahansitra waqaf. Fil-hin tal-kollizjoni huwa kien wieqaf u ra l-vettura tal-konvenut tiskidja ghal fuqu.

Ghar-rigward tal-konvenut Pace, jidher illi huwa kien gej minn parti aktar 'il fuq ta' Triq Hookham Frere fejn hemm liwja u ghalhekk il-vizwali tieghu ma tantx kienet *clear* u ghalhekk ma kienx indikat li juza certu *speed*. Huwa halla *brakemark* u fil-fatt minn ezami tal-isketch jirrizulta li din il-*brakemark* m'hijiex dritta izda giet miksura li jfisser illi fil-post fejn sehhet il-kisra aktarx kien l-i*spot of impact* u b'rizultat ta' l-impatt il-vettura tal-konvenut kisret ftit.

Huwa relevanti wkoll dak li qal Pace li b'rizultat tal-kollizjoni l-vettura tieghu giet imbuttata lura b'hames piedi.

Dan il-fattur jaghti kredibbilta' lix-xhieda ta' l-attur li fil-fatt fil-mument ta' l-impatt huwa kien wieqaf u juri wkoll illi minbarra l-*brakemark* li halla l-konvenut, kien hemm daqqa sostanzjali bejn iz-zewg vetturi.

Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jikkonkludi illi r-responsabbilta' ewlenija ossija l-kawza prossima tal-kollizjoni tirrizulta mis-sewqan imprudenti tal-konvenut li fl-inhawi partikolari kien indikat li jsuq b'aktar kawtela.

Ghar-rigward tad-danni sofferti mill-atturi jirrizulta mid-dokument EBC esebit li s-socjeta' attrici ossija l-agenti taghha Micallef Insurance Agency Limited hallset lil Albert Pace s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm488).

Mis-Survey Report esebit jirrizulta li fil-fatt il-hsara kienet ferm aktar tant illi, kif afferma l-istess attur Pace, huwa nefaq xi mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ohra minn butu. B'hekk id-danni totali ssuperaw l-ammont mitlub. Illi ghalhekk, ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni t-talbiet ta' l-atturi gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament b'responsabbilta' tal-konvenut u konsegwentement il-konvenut qieghed jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm488) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------